# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 150/2017**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Francis-Xavier Zammit**

Illum 22 ta' Mejju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Francis-Xavier Zammit**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 766159(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli nhar il-25 ta' April 2015 għal ħabta tas-sebgħa ta' filgħodu (07.00hrs) u żminijiet preċedenti ġewwa Ħal-Safi u f'dawn il-Gżejjer:

1. ittrasferixxa jew ikkunsinna b'xi titolu li jkun erba' armi regolari u ċioè 'shot-gun' tal-għamla FNA bin-numru tas-serje 7575; 'shot-gun' tal-għamla Fausti D bin-numru tas-serje 46691; 'shot-gun' tal-għamla Breda bin-numru tas-serje

143740 kif ukoll 'Muzzle loading Gun' (xkubetta) mingħajr numru tas-serje li hija rreġistrata fuq Francis-Xavier Zammit detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 766159(M) mingħajr numru tas-serje; jew munizzjon lil ħuh Sebastian Zammit detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 457055(M) meta ma kellux liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija għal dawk l-armi regolari jew munizzjoni bi ksur ta' Artikolu 20(1) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ittrasferixxa jew ikkunsinna b' titolu li jkun armi regolari u ċioè 'shot-gun' tal-għamla FNA bin-numru tas-serje 7575; 'shot-gun' tal-għamla Fausti D bin-numru tas-serje 46691; 'shot-gun' tal-għamla Breda bin-numru tas-serje 143740 kif ukoll 'Muzzle loading gun' (xkubetta) mingħajr numru tas-serje li hija rreġistrata fuq Francis-Xavier Zammit detentur tal-Karta tal-Idenita' bin-Numru 766159(M) mingħajr numru tas-serje; jew munizzjon lil Sebastian Zammit detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 457055(M) mingħajr ma nforma lill-Kummissarju tal-Pulizija b'dak it-trasferiment fi żmien ħmistax-il ġurnata minn meta ġara u dan bi ksur ta' Artikolu 20(2) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi bħala persuna li għandu liċenzja biex iżomm jew biex ikollu f'idejh jew fuqu arma tan-nar jew munizzjon, ma żammx fil-kustodja tiegħu l-armi u l-munizzjon u ċioè 'shot-gun' tal-għamla FNA bin-numru tas-serje 7575; 'shot-gun' tal-għamla Fausti D bin-numru tas-serje 46691; 'shot-gun' tal-għamla Breda bin-numru tas-serje 143740 kif ukoll 'Muzzle loading gun' (xkubetta) mingħajr numru tas-serje li hija rreġistrata fuq Francis-Xavier Zammit detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 766159(M) b'mod li ma jkunux jistgħu jiġu f'idejn ħaddieħor u dan bi ksur ta' Artikolu 47(1) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, f'xi fond jew fil-pussess tiegħu, taħt il-kontroll tiegħu jew ġarr barra minn xi fond jew fid-dintorni tiegħu xi arma tan-nar rifle tal-għamla Carcano

bin-numru tas-serje 1888 jew munizzjon elenkati fl-Iskeda II mingħajr ma kellu liċenzja għal dik l-arma taħt l-Att dwar l-Armi u dan bi ksur ta' Artikolu 5(1) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi żamm fil-pussess tiegħu jew f'xi fond jew inkella uża xi arma tan-nar ('Muzzle loading gun' mingħajr numru tas-serje li mhuwiex reġistrat) minn dawk elenkati taħt it-Taqsima I tal-Iskeda III meta ma saritx dikjarazzjoni lill-Kummissarju dwar dak il-pussess jew intenzjoni ta' użu u dan bi ksur ta' Artikolu 35(3) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi bħala pussessur tal-liċenzja taħt Artikolu 27(1) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta naqas li jħares il-kundizzjonijiet imsemmija f'dik il-liċenzja;

7. talli fl-istess dati, lok, ħin u ċirkostanzi bħala detentur ta' liċenzja taħt xi dispożizzjoni ta' dan l-Att dwar l-armi naqas milli jħares il-pattijiet tal-liċenzja jew li kellu fil-pussess jew kien iġorr xi arma tan-nar jew munizzjon mhux speċifikati fil-liċenzja maħruġa lilu u dan bi ksur ta' Artikolu 52 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba li, minbarra l-piena skont il-liġi, tordna s-sospensjoni ta' kull liċenzja jew permess maħruġa taħt il-Kapitolu 480 tal-Att dwar l-Armi tal-Liġijiet ta' Malta u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija għaż-żmien stabbiliti taħt Regolament 27(2)(a) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll li, minbarra l-piena skont il-liġi, tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* inkluż ċioè 'shot-gun' tal-għamla FNA bin-numru tas-serje 7575; 'shot-gun' tal-għamla Fausti D bin-numru tas-serje 46691; 'shot-gun' tal-għamla Breda bin-numru tas-serje 143740; 'Muzzle loading gun' (xkubetta) mingħajr numru tas-serje li hija rreġistrata fuq Francis-Xavier Zammit detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 766159(M); arma tan-nar 'Muzzle

loading gun' (senter taż-żewġ mingħajr numru tas-serje u li mhux reġistrat) u rifle tal-għamla Carcano bin-numru 1888 (mhux reġistrat) li servew jew li kienu maħsuba li jservu sabiex isir id-delitt u dan bi ksur ta' Artikolu 23 tal-Kapitolu 9 u Artikolu 56 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta u Regolament 27 tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-22 ta' Marzu 2017 fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 5(1), 20(1)(2), 27(1), 35(3), 47(1), 52 u 56 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll l-Att dwar l-Armi tal-Liġijiet ta' Malta, Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija stabbiliti taħt Regolament 27(2)(a) tal-Avviż Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat, filwaqt li ma sabitx lill-imputat ħati tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjoni u minnhom illiberatu, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjoni l-oħra kollha u kkundannatu multa ta' seba' mitt Euro (€700) u kif ukoll ordnat il-konfiska tal-eżebiti.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fit-3 ta' April 2017 fejn talab lil din l-Qorti sabiex: *"**tirriforma** s-sentenza appellata billi: 1) Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberat lill-appellant mill-ewwel u t-tieni imputazzjoni, 2) Tirrevokaha f'dik il-parti fejn l-appellant ġie misjub ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra, ossia l-imputazzjonijiet numru tlieta, erbgħa, ħamsa, sitta u sebgħa u minflok tgħaddi biex tilliberah minnhom."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi din l-Qorti tinnota li jkun utli li qabel ma' tagħmel riferenza għal dak li jilmenta l-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu li l-Qorti l-ewwel tagħmel riferenza għal dak li jirriżulta mill-atti proċesswali u li wassal sabiex l-appellant jiġi mixli l-Qorti bl-imputazzjonijiet hawn fuq imsemmija.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta, fost l-oħrajn, is-segwenti:

- Fl-affidavit ta' **PS 305 A. Gauci** (*a fol.* 4) jingħad li wara li wasal fuq il-post maġenb ir-*runway* kien assistit minn PC 1231, PC 1043 u PC 821. Jgħid li għamlu spezzjoni f'xi għelieqi imma ma sabu xejn dwar dak li kien allegat mill-CABS. Jgħid li ssejjaħ sid l-għalqa Francis-Xavier Zammit li qal lill-Pulizija li l-armi li kellu reġistrati fuqu kienu qegħdin għand ħuh Sebastian Zammit biex iżommhomlu bħala *safekeeping*. Jgħid li kien instab li kellu xi armi mhux reġistrati mal-Pulizija kif ukoll li kellu abbandun tal-armi. Jixhed li kienu ġew elevati sitt armi tan-nar u nħarġet irċevuta li l-istess Francis-Xavier Zammit għażel li jiffirma. Din tidher *a fol.* 8 tal-proċess u fiha elenku tal-armi li nġabru u fosthom jidher ir-rifle Brescia 1888.

- Fl-affidavit tiegħu **PC 544 D. Micallef** (*a fol.* 9) jgħid li wara informazzjoni mill-CABS huma għamlu spezzjoni fl-għalqa ndikata iżda ma sabu xejn. Jgħid li Francis-Xavier Zammit, sid l-għalqa, kien qalilhom li l-armi kienu qegħdin għand ħuh Sebastian Zammit biex iżommhomlu bħala *safekeeping*. Jgħid li Francis-Xavier Zammit ittieħed ġewwa l-kwartieri tal-ALE fejn kien interrogat mill-iSpettur J. Vella u mill-iSpettur C. Sheldon wara abbandun tal-arma u għaliex kien instab ukoll

li kellu armi mhux reġistrati. Jgħid li l-Pulizija elevaw sitt armi tan-nar u li Francis-Xavier Zammit ingħata rċevuta.

- Fl-affidavit ta' **PC 1231 Roderick Agius** (*a fol.* 10) jingħad li ma nstab xejn dwar kaċċa. Jgħid li ħadd ma fetaħ meta marru fil-fond bin-numru 63, Mikelucy, Triq San Pawl, Ħal-Safi. Jgħid li minn naħa l-oħra Francis-Xavier Zammit kien wieġeb li kellu armi rreġistrati fuqu iżda stqarr li dawn kienu għand ħuh Sebastian Zammit. Jgħid li dan ittieħed fl-uffiċju tal-ALE fejn kien interrogat mill-iSpetturi. Jgħid ukoll li kienu elevati sitt armi u li nħarġet irċevuta fuqhom.

- *A fol.* 12 jidher li Francis-Xavier Zammit għandu *collector's licence* u *a fol.* 13 jidher li mill-1 ta' Diċembru 2010 kellu fuq ismu *shotgun* Breda 143740, *shotgun* Fausti D 46691, *shotgun* FNA 7575 u *muzzlegun without number.* L-istess jidher miċ-ċertifikat (*a fol.* 14) maħruġ mill-Uffiċju tal-Armi tal-Pulizija.

- Quddiem l-Ewwel Qorti fis-seduta tat-3 ta' Frar 2016 (*a fol.* 15) dehru l-Prosekuzzjoni u l-imputat Francis-Xavier Zammit u deher ukoll Sebastian Zammit li kienu debitament assistiti fejn l-Ewwel Qorti ġiet infurmata li ż-żewġ kawżi fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Sebastian Zammit** u **Il-Pulizija vs. Francis-Xavier Zammit** kienu konnessi u l-Ewwel Qorti ordnat li ż-żewġ kawżi jinstemgħu kontestwalment.

- Fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Sebastian Zammit** (Appell Numru 149/2017) ġie ppreżentat affidavit ta' **PC 1043 J. Mallia** (*a fol.* 19 tal-proċess tal-kawża msemmija). Fih jingħad li kien ordnat jirkeb ma' Sebastian Zammit sabiex iġib is-snieter ta' Francis-Xavier Zammit mid-dar ta' Sebastian Zammit stess. Jgħid li kienu marru f'għalqa magħrufa bħala Ta' Geddumu fejn sab senter ġo ħajt tas-sejjieħ u Sebastian Zammit qallu *""Għidilhom li dan ġibtu mid-dar.""* Jgħid li dan kien *shotgun* FNA 7575 u huwa ta' Francis-Xavier Zammit. Hu u Sebastian Zammit kienu marru fid-dar ta' Sebastian Zammit flimkien ma' PC 821 u PC 1231 fejn fid-dar

imsemmija Sebastian Zammit ħareġ żewġt isnieter minn fuq ir-raff, wieħed żarmat, li kienu rreġistrati fuq ħuh Francis-Xavier Zammit. Minn ġo kamra wara l-garaxx, ġie elevat senter Franchi b'*extender* u bi *spotlight* imqabbda miegħu. Jgħid li faċċata tad-dar ta' Sebastian Zammit hemm razzett u minn hemm ix-xhud u PC 821 elevaw żewġt isnieter antiki: wieħed kien senter bla *serial number* li ma kienx irreġistrat u l-ieħor *rifle* Brescia. Jgħid li s-senter li kien qed jikkaċċja bih Sebastian Zammit kien ġie elevat ukoll. Jgħid li huwa tela' fil-vettura ma' Sebastian Zammit u marru fl-uffiċju tal-ALE biex jinvestiga l-iSpettur J. Vella.

- *A fol.* 32 *et seq.* tal-proċess fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Sebastian Zammit** (Appell Numru 149/2017) hemm affidavit ta' **PC 821 Matthew Galea** li jgħid li hu kien mar ma' PC 1043 flimkien ma' Sebastian Zammit ġo għalqa msemmija Ta' Geddumu fejn Sebastian Zammit kien ħareġ arma minn ġo ħajt tas-sejjieħ u kien dahar fuqhom u qalilhom biex jgħidu li hu kien ħariġha mid-dar. Jgħid li kien stabbilit li din l-arma hija ta' ħuh Francis-Xavier Zammit tat-tip *shotgun* FNA 7575. Jixhed li meta marru fid-dar ta' Sebastian Zammit huwa tahom żewġ snieter li kienu rreġistrati fuq ħuh Francis-Xavier. Jgħid li Sebastian Zammit kien ordnat sabiex jagħtihom is-snieter kollha li kellu rreġistrati fuq ismu. Jgħid li tahom tlitt isnieter li wieħed kellu bozza mqabbda miegħu. Jgħid ukoll li Sebastian Zammit kien ħadhom ukoll fil-Bajada Farmhouse minn fejn ġew elevati żewġt isnieter u *rifle* li wieħed minnhom huwa rreġistrat fuq ħuh Francis-Xavier Zammit (ZRQ/WO/05471/2010). It-tnejn l-oħra – jiġifieri r-*rifle* Brescia sa/1/888 u s-senter ġie stabbilit li ma kienux reġistrati mal-Pulizija.

- *A fol.* 14 jidher dokument maħruġ mill-Uffiċju tal-Armi li juri li Francis-Xavier Zammit kellu dawn l-armi sa mill-1 ta' Diċembru 2010. Dawn huma *muzzlegun* bla numru, *shotgun* Fausti D 46691, *shotgun* FNA 7575 u shotgun Breda 143740.

- Fis-seduta tat-3 ta' Frar 2016 (*a fol.* 15) l-Ewwel Qorti ħatret lil John Gera bħala espert sabiex jiddetermina jekk fl-istat attwali tagħhom l-armi kienux tajbin biex jintużaw bħala armi tan-nar li tispara.

- Mir-rapport (*a fol.* 17 *et seq.*) tal-espert **John Gera** jirriżulta li huwa eżamina sitt armi tan-nar li erba' minnhom għandhom *serial number* filwaqt li tnejn kienu mingħajr *serial number*. Fir-rapport jirriżulta s-segwenti

  - Arma "A" – *muzzle loaded gun*: mingħajr isem ta' manifattura – mhix fi stat li tispara;

  - Arma "B" – Breda *double barrel* 7575: tinsab f'kondizzjoni tajba u tista' tispara;

  - Arma "C" – Fausti D 46691 – Hadfield Ltd *double barrel*: tinstab f'kondizzjoni tajba u tista' tispara;

  - Arma "D" – Breda *semi-automatic* 143740 – tieħu ħames skrataċ *double gauge*: tinstab f'kondizzjoni tajba u tista' tispara;

  - Arma "E" – *shotgun double barrel* bla numru – l-għamla tal-manifattura ma tistax tinqara u ma tiffunzjonax;

  - Arma "F" – Brescia 1888: għandha l-mekkaniżmu jiffunzjona tajjeb.

  Mill-istess rapport jirriżulta li l-espert wettaq żewġ eżerċizzji fuq l-arma Breda SN 7575 u d-daqqa kienet tajba. Għamel eżerċizzju ieħor fuq l-arma Breda – SN143740. Hawn ukoll irriżulta li d-daqqa kienet tajba.

- Fir-rapport addizzjonali (*a fol.* 30 *et seq.*) hemm Dok. A (*a fol.* 34) li huwa iffirmat b'noti ħdejn kull arma jekk jiffunzjonawx jew le.

- Quddiem l-Ewwel Qorti saru l-kontro-eżamijiet tal-espert John Gera kif ukoll ta' PC 1231, PC 1043, PC 544, PC 821 u PS 305.

- Quddiem din il-Qorti diversament preseduta xehed **eks PC 195 Rendill Gili** (*a fol.* 81 *et seq.*) li spezzjona l-armi u għamel rapport lill-iSpettur. Jgħid li meta jelevaw l-armi jeħduhom l-uffiċju tal-ALE jew tal-iSpettur u li ġeneralment ma jibagħtuhomx għand in-nies. Jixhed li ma kienx ġabar l-armi hu.

- L-espert **John Gera** (*a fol.* 86 *et seq.*) xehed ukoll quddiem din il-Qorti diversament preseduta. Huwa qal li kien inkarigat jara l-armi jiffunzjonawx u qal li kien hemm armi li jistgħu jisparaw u għamel ukoll xi testijiet u li kien hemm armi li ma kienux jiffunzjonaw. Fil-<u>kontro-eżami</u> qal li ma kienx jaf fejn kienu l-armi. Jgħid li kien rama parti minnhom biex ikun jaf jekk kienux funzjonabbli. Jgħid li kien hemm madwar tlieta minnhom żarmati u kellu jagħmel *assembly* tagħhom. Jgħid ukoll li meta eżamina l-armi kien waħdu u li kien hemm Spettur tal-Pulizija u kuntistabbli meta ppreżenta l-armi bit-tikketta.

- Meta **WPC 66 Pauline Bonello** (*a fol.* 90 *et seq.*) xehdet quddiem din il-Qorti diversament preseduta hija qalet li kienet inkarigata mill-permessi tal-armi. Qalet li fid-dokumenti kien hemm il-liċenzji li kienu jħallsu. Tgħid li Sebastian Zammit jista' jġorr arma tan-nar għall-kaċċa tal-għasafar u tal-fenek u li Francis-Xavier Zammit jista' jżomm l-armi. Dak iż-żmien dan seta' jżomm l-armi d-dar. Fil-<u>kontro-eżami</u> qalet li jkun hemm x'liċenzji jkun ħallsu u li kienet ħarġet l-informazzjoni mis-sistema tal-Pulizija. Tgħid li hi tkun ħarġet xi jkun hemm fis-sistema u li l-*iscreen shot* ma jagħmel riferenza għall-ebda data għalkemm juri l-ħin. Tgħid li hemm id-data ta' meta ġiet l-*iscreen shot*.

- Quddiem din il-Qorti diversament preseduta xehed ukoll **PS 1231 Roderick Agius** (*a fol.* 96 *et seq.*) fejn qal li hu kien intalab jassisti wara li kien hemm telefonata dwar tajra. Jgħid li fl-għalqa ma kien instab xejn. Jixhed li kienet ġiet persuna, mhux ċert jekk kienx Francis-Xavier Zammit u li mbagħad marru jfittxu f'residenza fejn ma fetaħ ħadd. Jgħid li baqa' ħdejn il-vettura tas-servizz. Fil-kontro-eżami jgħid li ma kienx eleva l-armi hu.

- **PC 544 Darren Micallef** (*a fol.* 100 *et seq.*) xehed ukoll quddiem din il-Qorti diversament preseduta fejn qal li kienu stabbilew li l-għalqa kienet ta' Francis-Xavier Zammit li mar fuq il-post. Jgħid li s-Surġent staqsieh fejn kienu l-armi u qallu li kienu għand ħuh Sebastian Zammit li mar ukoll fuq il-post. Hu ma kienx daħal fil-kwistjoni tal-armi.

- Da parte tiegħu **PS 305 Alfred Gauci** (*a fol.* 103 *et seq.*) meta xehed quddiem din il-Qorti diversament preseduta kkonferma li kien għamel il-PIRS report hu. Jgħid li kienu għamlu spezzjoni ġol-għalqa ndikata mill-CABS u li ma sabu xejn illegali. Jgħid li kkuntattja lil Francis-Xavier Zammit li mar u qallu li kellu xi armi reġistrati fuq ismu. Jgħid li kellu xi problemi familjari u bħala *safety* għaddiehom fuq ħuh. Jgħid li hu qal li ma kienx irraporta dwar dan lill-Pulizija u li ħuh Sebastian Zammit kien qallu li kellu xi armi ta' ħuh Francis-Xavier Zammit u li qallu li kien qed iżommhomlu bħala *safekeeping*. Aktar tard PC 1043 kien qal li sab arma ġo xi ħajt tas-sejjieħ. Kien qallu wkoll li marru f'residenza u sabu l-armi l-oħrajn. Jgħid li huwa ma kienx ħa sehem fl-investigazzjoni dwar l-armi. Fil-kontro-eżami huwa qal li għadda xi żmien u kien mar espert tal-Qorti jeżamina l-armi biex jara jaħdmux jew le.

Illi l-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex tagħmel riferenza għal dak li jingħad fir-Rikors tal-appell tal-appellant.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant jisħaq li s-sentenza appellata ma tistax titqies bħala *"safe and satisfactory"* minħabba l-kwalita' tal-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni u minħabba li l-Prosekuzzjoni naqset li tipproduċi l-provi kollha. Jilmenta li l-imputazzjonijiet jirreferu għal ċerti armi waqt li l-provi huma dwar armi oħra jew b'*serial numbers* differenti b'dan illi kultant lanqas il-provi ma jaqblu ma' xulxin. Jgħid li l-arma Breda fl-imputazzjoni għandha n-numru 143740, mentri l-provi u r-rapport tal-Pulizija jirreferu għal Breda bin-numru 355709. Jgħid ukoll li l-arma Brescia tidher fir-rapport iżda ma tissemmiex fl-imputazzjonijiet dedotti u l-istess jingħad għall-arma Carcano li tissemma fir-rapport iżda mhux fl-imputazzjonijiet.

Illi l-appellant jargumenta li hemm kunfitt ukoll bejn l-imputazzjonijiet u r-rapport tal-espert John Gera u bħala eżempju jagħmel riferenza għall-arma 7575 bħala tal-għamla Breda meta fl-imputazzjonijiet din tidher bħala FNA. B'hekk jisħaq li l-Ewwel Qorti ma setgħetx tkun konvinta dwar il-ħtija tal-appellant lil hinn minn kull dubju raġonevoli.

Illi l-appellant jargumenta wkoll li lanqas m'hu ċar minn għand min kienu elevati l-armi fejn fl-affidavits jingħad li nġabru minn għand Sebastian Zammit meta dan ma jaqbilx mar-rapport jew mal-irċevuta. Jilmenta li fir-rapport jingħad li sitt armi kienu elevati minn għand Francis-Xavier Zammit u li lanqas ma hemm qbil mal-irċevuta li tindika li dawn l-armi kienu elevati minn għand Francis-Xavier Zammit u li l-irċevuta tgħajjat lilu. Jgħid li l-prova dokumentarja tmur kontra dak li qed issostni l-Prosekuzzjoni.

Illi l-appellant jgħid ukoll li l-Prosekuzzjoni naqset li tipprovdi l-evidenza kollha għaliex l-iSpettur Investigattiv lanqas biss tela' jixhed ħalli jispjega x'wassal biex iressaq lill-appellant quddiem il-Qorti. Jgħid li lanqas ma ġiet eżibita l-istqarrija tal-appellant li jisħaq hija l-prova reġina. Jsostni li l-Prosekuzzjoni ma tistax tagħżel li tistrieħ fuq xhieda ċirkostanzjali meta għandha provi diretti għad-dispożizzjoni tagħha b'dan illi l-Prosekuzzjoni trid ttella' l-aħjar prova li tkun għad-dispożizzjoni tagħha.

Illi l-appellant isostni li l-Ewwel Qorti ma setgħetx tagħti valur probatorju lir-rapport tal-Pulizija minħabba li mill-atti proċesswali u mill-verbali ma jirriżultax li dan ġie kkonfermat mill-uffiċjal tal-Pulizija li ddireġieh. Jgħid li l-Prosekuzzjoni naqset li ġġib prova tal-armi li kienu rreġistrati fuq isem l-appellant fi żmien li saru l-allegati reati u lanqas ipproduċiet il-liċenzja tal-appellant bil-kondizzjonijiet.

Illi dwar ir-relazzjoni ta' John Gera li ġie nkarigat bħala espert mill-Ewwel Qorti fejn ikkonkluda li l-armi kienu jisparaw ħlief għall-arma tat-tip '*Muzzle hooded gun* mingħajr isem' u '*shotgun double barrel*' jgħid li l-espert qal li ma kienux jiffunzjonaw. Jgħid ukoll li l-espert qal li l-arma bis-serje '1 888' kellha mekkaniżmu jiffunzjona tajjeb biss ma kienx hemm konklużjoni jekk din tisparax jew le. Jisħaq li din ir-relazzjoni hija mimlija inċertezzi u ambigwitajiet u li l-eżami seħħ wara sena li kienu elevati l-armi u li l-espert kellu jarma u jsewwi l-armi in kwistjoni. Jargumenta li l-Ewwel Qorti qatt ma setgħet tistrieħ fuq il-konklużjonijiet tar-relazzjoni tal-espert u li minbarra dan m'hemm ebda dokumentazzjoni li turi ċ-*chain of evidence* u li minflok eżamina l-armi fl-istat li fihom, l-espert irrenda l-armi funzjonabbli. Jisħaq li l-espert kellu jara biss jekk fl-istat li kienu l-armi kienux funzjonabbli. Jgħid li ma hemm l-ebda evidenza fl-atti proċesswali li l-armi kienu funzjonabbli b'dan illi r-rapport kellu inkonsistenzi bejn in-numri tal-armi kif murija fir-rapport u dawk fiċ-ċitazzjoni. Jgħid li l-espert jirreferi għall-arma bis-serje 7575 bħala 'Breda' filwaqt li l-imputazzjonijiet jirreferu għaliha bħala FNA waqt li l-arma 'Brescia' li jsemmi l-espert ma tidhirx fl-imputazzjonijiet. Jargumenta li l-espert jgħid x'testijiet għamel fuq l-armi bis-serje 7575 u 143740 imma ma jagħti ebda spjegazzjoni dwar it-testijiet li saru fuq l-armi l-oħra. Jgħid ukoll li jidher li l-espert wettaq l-inkarigu tiegħu fil-preżenza u bl-assistenza tal-Pulizija u li d-difiża ma ngħatatx iċ-ċans li tkun preżenti u li dan imur kontra l-indipendenza tal-espert.

**Ikkunsidrat**

Illi l-aggravju tal-appellant huwa wieħed ta' apprezzament tal-provi. Din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Novembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Tabone** (Numru 421/2013), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi huwa spiss affermat fil-ġurisprudenza illi mhuwiex normali illi din il-Qorti ta' revizjoni tiddisturba l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Il-Qorti għalhekk eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk dan l-apprezzament hekk magħmula mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu.[1]"

Illi għalhekk din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati fil-valutazzjoni tal-provi sakemm din tkun ġiet eżerċitata legalment u loġikament.

Illi minn dak li ngħad aktar 'il fuq dwar x'jirriżulta mill-atti proċesswali, din il-Qorti tinnota li joħroġ ċar – skont dak li qal Francis-Xavier Zammit u dak li qal ħuh Sebastian Zammit – li Francis-Xavier Zammit kellu xi armi u li dawn kien għaddiehom

---

[1] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Ġunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Diċembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Diċembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

lil ħuh Sebastian Zammit minħabba xi problemi li kien hemm u għalhekk l-għan li għamel dan kien għal *safekeeping*. Iżda kien għamel dan bla ma kien irrapporta lill-Pulizija. Jirriżulta wkoll mill-affidavit ta' PC 821 Matthew Galea li Sebastian Zammit kien ħareġ arma minn ġo ħajt u dak il-ħin kien li qal lil PC 821 Matthew Galea u lil PC 1043 J. Mallia biex jgħidu li kien ħariġha mid-dar. Ġie stabbilit li l-arma fil-fatt kienet ta' Francis-Xavier Zammit (FNA 7575). Mill-istess affidavit jirriżulta li marru fid-dar ta' Sebastian Zammit li tahom żewġ snieter li huma ta' ħuh Francis-Xavier Zammit. L-istess Sebastian Zammit ħadhom il-Bajada Farmhouse minn fejn ġew elevati żewġt isnieter u *rifle* li wieħed minnhom ċioè ZRQ/WO/05471/2010 kien rreġistrat fuq ismu waqt li t-tnejn l-oħra Tigle Brecis 1/888 u s-senter ġie stabbilt li ma kienux reġistrati mal-Pulizija. PC 1043 J. Mallia kien tela' fil-vettura ma' Sebastian Zammit u marru fl-uffiċju tal-ALE. Mid-dokument (*a fol.* 14) maħruġ mill-Uffiċju tal-Armi jirriżulta li dawn l-armi ilhom f'isem Francis-Xavier Zammit sa mill-1 ta' Diċembru 2010: *muzzlegun* u tliet *shotguns* (46691, 7575 u 143740).

Illi l-Qorti ser teżamina l-punti mqajma mid-difiża u ser tibda l-ewwel dwar dak sollevat dwar ir-rapport tal-espert John Gera. Għandu jingħad li l-espert segwa l-verbal tal-Ewwel Qorti kif jidher minn hawn fuq u ma għamel xejn irregolari meta huwa pprova jara liema arma tispara jew ma tisparax. Għandu jingħad ukoll li minkejja li l-appellant jipprova jqajjem dubji dwar il-ħila ta' dan l-espert ma jirriżulta minn imkien mill-proċess li d-difiża għamlet xi oppożizzjoni għall-ħatra tiegħu. Minbarra dan, fil-kontro-eżami d-difiża staqsiet hekk (*a fol.* 88): *"U naqblu li dan l-assembly tal-armi li għamilt int stajt tagħmlu għax għandek tagħrif speċjalizzat tal-armi?"*. Dan ifisser li d-difiża stess qed taċċetta li Gera għandu jitqies bħala espert. Apparti dan, ir-risposta ta' Gera kienet (*a fol.* 88): *"Jien nuża l-armi kuljum, jiġifieri qiegħed parti minn skwadra speċjali li nużaw l-armi kuljum, allura iva, nista' ngħid li għandi esperjenza fuq l-armi."* Lanqas ma hemm xi żball fir-rapport meta l-espert ikkonkluda li l-arma bis-serje 1 888 kellha mekkaniżmu tajjeb u ma qalx din tisparax jew le. Din il-Qorti ma tara l-ebda inċertezzi jew ambigwitajiet fir-rapport ta' Gera u fuq kollox ir-rapport kien maħluf u l-espert kien soġġett għall-kontro-

eżami. Ma jneħħi xejn mill-valur tar-rapport għax dan sar sena wara. Lanqas ma hemm ebda dubju dwar iċ-*chain of evidence*. Fil-fatt l-eżami sar fl-ALE stess f'liema post kienu ttieħdu l-armi flimkien ma' Sebastian Zammit.

Illi għandu jingħad li fejn l-espert qal li arma mhijiex fi stat li tispara qal hekk ċar u tond. Imbagħad eżamina l-armi waħda, waħda u fl-aħħar wettaq żewġ eżerċizzji. Mir-relazzjoni ma jirriżultax li l-armi ntramaw u żżarmaw. Barra dan hemm ritratti ta' kull arma bis-*serial number* tagħha u dawn jaqblu – sa fejn kien hemm liċenzji – mad-dettalji li jidhru fid-dokument maħruġ mill-Uffiċju tal-Armi (*a fol.* 14). Meta John Gera ġie nominat mill-Ewwel Qorti huwa ġie nominat *"sabiex jiddetermina jekk fl-istat attwali tagħhom, kienux idonei sabiex jistgħu jintużaw bħala arma tan-nar li tispara"* (*a fol.* 15). B'hekk l-espert bl-ebda mod ma kien marbut ma' dak li jista' jara biss kif jissottometti l-appellant. Lanqas ma hemm xi prova li l-evidenza ma kienitx ippreservata.

Illi dwar in-numri huwa tassew li fl-ewwel (1), fit-tieni (2) u fit-tielet (3) imputazzjoni l-arma li ġġib in-numru 7575 hija deskritta bħala FNA waqt li l-espert jiddeskriviha bħala Breda. Barra dan dak li l-espert jiddeskrivi bħala Brescia huwa u jirreferi għas-serial number 1 888 fl-imputazzjoni numru erbgħa (4) din tidher bħala Carcano għalkemm jidher li l-istess numru tas-serje jaqbel mal-irċevuta (*a fol.* 8) li ngħatat lill-appellant maġenb *Item* F. In-numri li jagħti l-espert jaqblu mar-ritratti fl-istess relazzjoni. Intant fil-fotokopja tal-irċevuta msemmija (liema fotokopja tidher *a fol.* 35 u liema fotokopja hija parti mir-relazzjoni) ħdejn l-*Item* B hemm miktub Breda D/B. Jidher li hemm inkonsistenza bejn l-imputazzjonijiet u r-relazzjoni imma dan ma jfissirx li r-relazzjoni għandha xi difett li jirrendiha inattendibbli għal kollox għaliex l-inkonsistenzi jieqfu hawn u jista' dejjem isir tqabbil mad-dokument uffiċjali li juri l-lista tal-armi

Illi dwar dak li jissottometti l-appellant b'riferenza għall-preżenza ta' membru tal-Pulizija waqt li l-espert kien qed jeżamina l-armi, dan ma jfissirx li jekk kien hemm tali preżenza naqqset mill-indipendenza tal-espert. L-espert seta' jasal għall-konklużjonijiet

tiegħu liberament. Fil-fatt huwa xehed hekk (*a fol.* 88): *"Le, meta eżaminajt l-armi eżaminajthom waħdi. Għand il-Pulizija biss erġajt għamilt, poġġejthom alphabetical order, bit-tikketta ta' kull arma fejn qed nurihom li l-armi qegħdin kollha preżenti. [...] Eżaminajthom waħdi u għamilt it-testijiet waħdi fuqhom."* Huwa żied jgħid li meta ppreżentahom bit-tikketta kien hemm Spettur tal-Pulizija u kuntistabbli. L-indipendenza tal-espert ma ġietx mittiefsa. Għandu jingħad ukoll li l-espert John Gera xehed in kontro-eżami quddiem l-Ewwel Qorti fis-seduta tal-1 ta' Ġunju 2016 u minn imkien fil-verbal tas-seduta msemmija (*a fol.* 43) ma jirriżulta li d-difiża qajmet xi dubju dwar l-indipendenza tiegħu b'dan illi kien hemm ċans biżżejjed li wieħed jeżamina r-rapport peress li kien ġie ppreżentat fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2016 (*a fol.* 16).

Illi l-meta xehed quddiem din il-Qorti diversament preseduta l-espert qal ukoll li kien rama tlieta mill-armi għax kienu żarmati. Dan bl-ebda mod ma jfisser li ma mexiex man-nomina tiegħu għaliex biex jaqdi l-mansjoni li tatu l-Ewwel Qorti huwa bilfors kellu jagħmel hekk ħalli jara l-armi humiex funzjonabbli jew le!

Għal dawn ir-raġunijiet imsemmija hawn fuq, din il-Qorti qed tiċħad dik il-parti tal-aggravju li għandha x'taqsam mar-relazzjoni tal-espert b'eċċezzjoni ta' dik il-parti tar-relazzjoni fejn hemm qbil dwar in-numri tas-serje iżda ma hemmx qbil dwar il-kwalita' tal-armi.

**Ikkunsidrat**

Illi dwar in-nuqqas ta' konsistenza f'rigward ta' żewġ armi u ċioè bejn dak li tgħid il-Prosekuzzjoni fiċ-ċitazzjoni u dak li stabilixxa l-espert nominat mill-Ewwel Qorti, din il-Qorti diġa' għamlet il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar dan aktar 'il fuq f'din is-sentenza u, a skans ta' ripetizzjoni, tirreferi għalihom.

Illi l-appellant jissottometti wkoll li l-arma ma tissemmiex fl-imputazzjonijiet. Din fil-fatt hija msemmija fir-raba' (4) imputazzjoni. Fl-imputazzjoni nsibu s-*serial number* 1888. Fir-

rapport tal-espert Gera preċiżament *a fol.* 19 jerġa' jidher l-istess *serial number* imma l-għamla jgħid li hija Brescia.

Illi dwar min għand min ġew elevati l-armi, din il-Qorti ma għandha l-ebda dubju li dawn kienu elevati minn għand Sebastian Zammit għaliex dan jirriżulta mill-aqwa prova – dik diretta kif jirriżulta mill-affidavits.

Illi l-appellant jissottometti wkoll li l-irċevuta li taw il-Pulizija ħarġet f'isem Francis-Xavier Zammit. Dan ma jfissirx li l-Pulizija ħadet l-armi minn għand Francis-Xavier Zammit. L-irċevuta tingħata lil min hu s-sid tal-arma u għalhekk kienet korretta l-Pulizija li ħarġet din l-irċevuta f'isem Francis-Xavier Zammit għaliex hu kien is-sid.

Illi lanqas ma kien hemm bżonn u lanqas ma hemm obbligu legali li jitla' jixhed l-iSpettur investigattiv. F'każ bħal dan l-aqwa prova tiġi mix-xhieda li kienu fuq il-post u li dawn taw l-affidavits tagħhom ta x'semgħu u x'raw. Dawn huma kawżi sommarji u li jekk jista' jkun jinħelsu malajr għalkemm mhux dejjem ikun possibbli għall-Qorti li tagħti s-sentenza fl-ewwel dehra.

Illi l-appellant jissottometti li ma ġietx ippreżentata l-prova reġina u ċioè l-istqarrija. Minn imkien ma jirriżulta li ttieħdet xi stqarrija.

Illi din il-Qorti tinnota li dan il-każ huwa mibni fuq provi diretti l-aktar ċari u mhux fuq provi ċirkostanzjali għalkemm dawn tal-aħħar huma provi wkoll sakemm ikunu univoċi. Il-Prosekuzzjoni bl-ebda mod ma naqset li ġġib l-aħjar provi f'dan il-każ u għalhekk imxiet mal-*best evidence rule* b'dan illi l-provi miġjuba kienu sħaħ u sodisfaċenti.

Illi dwar il-prova dokumentarja fil-proċess hemm iċ-ċertifikat (*a fol.* 14) maħruġ mill-Uffiċju tal-Armi liema dokument juri li erba' mill-armi bl-ismijiet u l-*firearm number* kif ukoll id-data (kollha bid-data tal-1 ta' Diċembru 2010). L-ismijiet u s-*serial number* (fejn hemm) jaqblu ma' dawk li jidhru fiċ-ċitazzjoni. Dan fih id-dettalji kollha meħtieġa u għalhekk għandu valur probatorju. L-appellant

mhux qed ikun eżatt meta jissottometti li dan id-dokument juri s-sitwazzjoni fit-3 ta' Frar 2016 biss għaliex id-dati li jidhru fid-dettalji juru li dawn kienu fil-pussess tal-appellant mill-2010, sew qabel il-25 ta' April 2015 li hija d-data mogħtija fiċ-ċitazzjoni. Din hija żgur l-aħjar prova li setgħet tinġieb biex jintwera min kellu l-liċenzja ta' dawn l-armi. L-i*screen shot a fol*. 13 jikkorrobora dan id-dokument u għandu valur probatorju wkoll aktar u aktar meta l-kontenut tiegħu jaqbel perfettament ma' dak li jintwera fid-dokument. Li kieku saret xi bidla wara l-1 ta' Diċembru 2010 kienet tiġi nnutata kemm fid-dokument kif ukoll fl-i*screen shot*. Hemm korroborazzjoni wkoll b'dak li jingħad fl-affidavits għax kien Francis-Xavier Zammit stess li qal li l-armi kienu għand ħuh Sebastian Zammit.

Illi dwar in-nuqqas tad-dettalji tal-liċenzja dawn ma kienux meħtieġa għax ebda liċenzja ma tista' tħalli lil dak li jkun jgħaddi l-arma lil ħadd ieħor mingħajr permess tal-Kummissarju tal-Pulizija għax dan ikun kontra l-liġi. Barra minn dan, skont ix-xiehda ta' WPC 66 Pauline Bonello, il-liċenzja li kellu Francis-Xavier Zammit kienet biex iżomm l-armi d-dar. Dawn l-armi tiegħu kienu manifestament barra mid-dar.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tirreferi għad-diskrepanza li tidher bejn l-isem tal-arma li ġġib is-serje 1888 (fir-riċevuta I 888) kif tidher fir-raba' (4) imputazzjoni li hija deskritta bħala Carcano fiċ-ċitazzjoni u bħala Brescia mill-espert kif ukoll kif ukoll dwar *shotgun* bin-numru 7575 li fiċ-ċitazzjoni huwa deskritt bħal FNA waqt li l-espert jirreferi għalih bħala *Breda double barrel*.

Illi għalhekk din il-Qorti qed tikkonferma s-sejbien ta' ħtija tal-appellant taħt it-tielet (3) imputazzjoni b'eċċezzjoni pero' ta' dik il-parti fejn jissemma *shotgun* tal-għamla FNA bin-numru tas-serje 7575 u għal dik il-parti qed teħilsu mill-piena stante dak li ntqal hawn fuq.

Illi għall-istess raġunijiet, din id-darba sa fejn għandha x'taqsam l-arma Carcano, din il-Qorti qed tillibera lill-appellant mir-raba' (4) imputazzjoni b'dan illi qed tiġi konfermata s-sejbien ta' ħtija tal-ħames (5), tas-sitt (6) u tas-seba' (7) imputazzjoni.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* l-appell imressaq mill-appellant Francis-Xavier Zammit u filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ma sabitx lill-appellant ħati tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjoni u fejn sabitu ħati tal-ħames (5), tas-sitt (6) u tas-seba' (7) imputazzjoni u fejn sabitu ħati wkoll tat-tielet (3) imputazzjoni imma qed tirriforma l-ħtija dwar din l-aħħar imputazzjoni msemmija billi teskludi għal kollox minnha dik il-parti tal-imputazzjoni fejn għandha x'taqsam max-*shotgun* serje 7575 u qed tirrevoka u tħassar dik il-parti tas-sentenza appellata fejn instabet ħtija fl-appellant tar-raba' (4) imputazzjoni li minnha qed jiġi liberat minn kull ħtija u piena.

Dwar il-piena, din il-Qorti tirreferi għal piena mposta fis-sentenza appellata li hija dik ta' seba' mitt Euro (€700) u meħud in konsiderazzjoni li l-appellant instab ħati ta' aktar minn imputazzjoni waħda u meħud in konsiderazzjoni wkoll li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti hija fil-minimum, b'hekk il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti qed tiġi konfermata.

Finalment, dwar il-konfiska tal-eżebiti din il-Qorti qed tneħħi tali konfiska sa fejn għandha x'taqsam (a) l-arma indikata Carcano bis-serje 1888 fir-raba' (4) imputazzjoni minħabba li l-appellant ġie liberat minnha u (b) sa fejn għandu x'jaqsam *shotgun* tal-għamla FNA bin-numru tas-serje 7575 minħabba li l-appellant kien meħlus minn dik il-parti tat-tielet (3) imputazzjoni li ssemmi din l-arma. Mill-bqija din il-Qorti qed tikkonferma l-konfiska tal-eżebiti

l-oħra b'dan illi jekk xi arma minn dawn mhijiex reġistrata mal-Pulizija din għandha tiġi reġistrata minnufih.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**